**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, sittax (16) ta' Lulju 2024

Kawża Nru 130/2024

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Bernard Charles Spiteri)**

Vs

**Michael Angelo Mizzi**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Michael Angelo Mizzi**, iben Carmel u Lucia nee Gauci, imwieled fit-tnax (12) ta' Marzu 1952 u residenti "Sea Star", Flat 4, Triq il-Puniċi, Xlendi, Munxar, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numru 19152(G) talli nhar l-għoxrin (20) ta' Jannar 2024 għall-ħabta ta' nofsinhar (12:00hrs) ġewwa Triq il-Puniċi, Munxar, Għawdex:

(1) b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħsara jew għarraq xi ħaġa u minħabba f'hekk Martina Bartilotti batiet offiża gravi fuq il-persuna tagħha, liema offiżi ġabu l-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9;[1]

(2) b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħsara fuq il-vettura ta' għamla Yamaha bin-numru tar-reġistrazzjoni CBW 828 għad-dannu ta' Joseph Attard.[2]

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien mhux inqas minn tmint (8) ijiem u dan skont it-termini tal-artikolu 15(4) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

---

[1] Artikolu 226(1)(a) tal-Kap. 9.
[2] Artikolu 328(d) tal-Kap. 9.

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar l-għoxrin (20) ta’ Jannar 2024 il-parte civile li hija pustiera kienet għaddejja minn Triq il-Puniċi fix-Xlendi, limiti tal-Munxar, Għawdex. Hija kienet qiegħda xogħol u kienet qed tqassam l-ittri. Ġara li hekk kif kienet għaddejja minn din it-triq seħħ impatt bejn il-mutur li kienet qed issuq hi li kellu n-numru tar-reġistrazzjoni CBW 828 u l-vettura tal-għamla Nissan bin-numru tar-reġistrazzjoni MGM 375 misjuqa mill-akkużat Michael Angelo Mizzi. Per kawża ta’ dan l-inċident stradali, il-parte civile soffriet feriti ta’ natura gravi hekk kif ċertifikat minn Dottor Mario V. Masini tal-Isptar Ġenerali ta’ Għawdex. In segwitu għal dan l-inċident, il-Pulizija ħarġu l-akkużi odjerni fil-konfront ta’ Michael Angelo Mizzi.

Ikkunsidrat;

- **<u>It-Tieni Akkuża – Artikolu 328(d) tal-Kap. 9</u>**

Fir-rigward it-tieni akkuża, il-Qorti tinnota li fis-seduta tat-tlettax (13) ta’ Ġunju 2024 deher Joseph Attard sid il-mutur CBW 828 fejn huwa irrinunzja għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-akkużat. Huwa stqarr li kien tħallas mill-assikurazzjoni tad-danni li ġew kaġunati fil-mutur u li la qatt kellu u lanqas għad għandu interess f’dawn il-proċeduri kontra l-akkużat. Din it-tieni akkuża tinkwadra taħt ir-reat kontemplat fl-artikolu 328(d) tal-Kap. 9. Il-proċedimenti fir-rigward ta’ dan ir-reat jistgħu jittieħdu biss bil-kwerela tal-parti offfiża u għalhekk la darba l-parti

offiża Joseph Attard iddikjara li m'għandux interess f'dawn il-proċeduri u rtira l-kwerela tiegħu, il-proċediment fir-rigward ta' din it-tieni akkuża ġie estint.

- **L-Ewwel Akkuża – Artikolu 226(1)(a) tal-Kap. 9**

Biex tirriżulta l-ewwel akkuża li qed tiġi addebitata lill-akkużat huwa fundamentali li tiġi pruvata kondotta negliġenti, konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb (imprudenza), negliġenza jew traskuraġni, jew ta' ħila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti speċifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet, regolamenti, u ordnijiet simili. Din trid tkun segwita b'ness ta' kawżalita' mal-akkadut dannuż involontarju. Fi kliem **Antolisei**, irid ikun hemm, *"quel rapporto di causalita' che deve intercedere tra la condotta imprudente o neglgente e l'evento."*[3]

Issir riferenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Tarcisio Fenech***[4] fejn il-Qorti irrimarkat is-segwenti:

> *"Kif jispjega il-ġurista Taljan Francesco Antolisei biex wieħed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wieħed irid iżomm f'moħħu li fil-ħajja soċjali spiss jinħolqu*

[3] Antolisei F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I,* 14th Edizione (2002), Dott. A. Giuffre Editore (Milano), p 73. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Friggieri**, deċiża fil-11 ta' Lulju 1995 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri)
[4] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Marzu 1998.

*sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta għal xi fini partikulari tista' tagħti lok għal konsegwenzi dannużi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika – cioe' l-esperjenza komuni għal bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jespletaw attivita partikulari – tgħallem li f'dawn il-każijiet wieħed għandu juża ċerta prekawzjonijiet bil-għan li jevita li l-interessi tal-oħrajn jiġu preġudikati. Jekk wieħed jabbina dak li jgħallem l-Archbold ma' dak illi qalet din is-sentenza l-attivita tal-appellat trid tkun b'tali mod illi fl-esperjenza tiegħu bħala persuna teknika kellhu jieħu ċerta prekawzjonijiet bl-għan li jevita li l-interessi ta' terzi jiġu preġudikati. Il-Qorti trid tara jekk dawn il-prekawzjonijiet itteħdux jew jekk ittieħdu min kien li abbuża minnhom."*

Din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-erbatax (14) ta' Diċembru 1957 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Carmel Grech*** fejn ingħad illi:

*"Meta bniedem jqiegħed lilu nniffsu f'posizzjoni ta' perikolu u jiġi ferut huwa jkun negliġenti. Imma jekk min ferih kien negliġenti, wkoll dan jibqa' ugwalment responsabbli kriminalment, jekk in-*

*negliġenza tal-offiż kienet biss kontributorja u mhux għal kollox kawża unika u determinati ta' dak li ġara."*

Dan in linea mal-prinċipju li f'sede kriminali kulħadd iwieġeb għall-aġir tiegħu sakemm dak li jiġri ma jkunx dovut unikament w esklussivament għall-ħtijiet da parti ta' terzi.[5]

Ikkunsidrat;

Minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta li l-akkużat kien parkeġġjat fuq in-naħa tax-xellug ta' Triq il-Puniċi iħares lejn in-naħa tat-triq li hija *dead-end*. L-akkużat jistqarr li l-vettura tiegħu kienet parkeġġjata fil-punt X indikat fid-Dokument MM 3.[6] Huwa ried li joħroġ minn Triq il-Puniċi u peress li din hija *dead-end* huwa ried bil-fors jagħmel *u-turn* biex joħroġ mit-triq. Dan ifisser li huwa ried jikser fuq il-lemin tiegħu, jdur kompletament biex il-vettura tiġi tħares fid-direzzjoni tal-ħruġ mit-triq. Fil-punt li kienet qed issir din il-manvura seħħ l-impatt bejn il-vettura tal-akkużat u l-mutur misjuq mill-parte civile.

M'hemmx dubju li min ikun qed jagħmel manuvra ta' *u-turn* fit-triq jinkombi fuqu l-obbligu li jippresta ċertu livell ta' attenzjoni peress li bil-

[5] Ara f'dan is-sens **Il-Pulizija vs Gaetano Schembri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax(16) ta' Marzu 1961 u **Il-Pulizija v John Polidano** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta (3) ta' Novembru 1963.
[6] Fol. 65 tal-proċess.

manuvra tiegħu huwa se jkun qed jinvadi l-karreġġjata tan-naħa opposta. Għalhekk għandu l-obbligu li jivverifika jekk tali manuvra jistax jagħmilha mingħajr ma joħloq perikolu għalih u għall-utenti oħra fit-triq.

L-akkużat fil-proċeduri odjerni għażel li jagħti d-deposizzjoni tiegħu. Huwa spjega kif il-vettura tiegħu kienet parkeġġjata tħares lejn in-naħa magħluqa ta' Triq il-Puniċi. Biex joħroġ minn din it-triq huwa ried jagħmel *u-turn* biex jerġa' joħroġ minn fejn kien daħal aktar qabel. L-akkużat spjega kif huwa ivverifika li ma kien ġej ħadd la minn warajh u lanqas minn quddiemu. Jgħid li quddiemu kellu viżwali ta' bejn ħamsa u tletin (35) u erbgħin (40) metru. Huwa għalhekk ipproċeda sabiex jagħmel il-manuvra peress li ma kien ġej ħadd mill-ebda naħa. Dak li jispjega l-akkużat isib konferma wkoll f'dak li jixhed Michael Refalo, li kien passiġġier fil-vettura tal-akkużat. Refalo jikkonferma kif x'ħin l-akkużat beda l-proċedura tal-*u-turn* ma kien ġej ħadd min-naħa tad-*dead-end* ta' Triq il-Puniċi. Refalo jistqarr wkoll – u dan ix-xhud kellu viżwali tajjeb fuq in-naħa tax-xellug tiegħu u ċioe d-direzzjoni minn fejn kienet ġejja l-parte civile – li l-parte civile dehret meta l-vettura tagħhom kienet qiegħda ġia qrib il-vetturi parkeġġjati u għalhekk l-istess akkużat kien ġia qasam il-parti tat-triq li tiġi eżattament quddiem il-ħruġ ta' Triq il-Puniċi. Refalo infatti jistqarr hekk:

> *"L-Avukat Dottor Carmelo Galea: U inti kif taf li ma kien ġej ħadd ?*

*Ix-Xhud:* ***Għax jiena ħarist ukoll, jiena kienet faċċata tagħna, dik in-naħa żgur li kont nara kieku ġej xi ħadd. Bdejna nduru, kellna nieqfu għax ma setax ikompli d-dawra kompletament u dak il-ħin ħarist fuq in-naħa tax-xellug tiegħi u naraha, il-Pustiera naraha nieżla t-triq bil-mutur, kienet qed iġerri u kienet f'nofs it-triq. Kienet diġa qiegħda, jiena naf, kellha fuq għoxrin (20) metru sew distanza minnha***."[7] (Enfażi tal-Qorti)

Min-naħa tagħha l-parte civile isostni li l-akkużat qabad u għamel il-manuvra ta' *u-turn* mingħajr ma uża l-indicator u li kieku uża l-indicator hija kienet tarah. Hija tgħid li ippruvat tevitah għax kieku kienet tieħdu f'nofs il-vettura tiegħu.[8]

Li kieku l-impatt bejn iż-żewġ vetturi seħħ lejn in-nofs tat-triq li tiġi quddiem id-daħla ta' Triq il-Puniċi – liema daħla tidher in-naħa ta' fuq tal-lemin fir-ritratt Dokument MB 1[9] – u l-impatt kien tul xi parti tal-ġenb tan-naħa tal-passiġġier tal-vettura tal-akkużat, wieħed forsi seta' jasal biex jattribwixxi kredibbilita lil dak li qalet il-parte civile u jqis li l-inċident kien riżultat tal-azzjoni tal-akkużat li ostakola l-karreġġjata tal-parte civile fil-mument li din kienet għaddejja minnha. Pero l-impatt seħħ f'dik il-parti tat-triq fejn il-vettura tal-akkużat kienet aktar qrib il-vetturi

[7] Fol. 84 tal-proċess.
[8] Fol. 32 – 33 tal-proċess.
[9] Fol. 40 tal-proċess.

parkeġġjati u ma kinitx qed tostakola l-linja li minnha wieħed irid isuq biex joħroġ minn Triq il-Puniċi. Dan huwa evidenti kemm mir-ritratti li esebiet il-parte civile u anke dawk esebiti mill-akkużat. Mela allura l-akkużat kien ġia qasam id-daħla ta' Triq il-Puniċi, ħaġa li ikkonfermaha anke x-xhud Michael Refalo. Dan kuntrarjament għal dak li tixhed il-parte civile li tgħid li l-akkużat qabad u qasam mil-lemin tagħha għax-xellug f'daqqa.

Għandu jiġi eskluż wkoll li l-akkużat laqat lill-parte civile waqt li huwa possibilment seta' kien qed jirriversja biex idur. Dan għaliex ir-roti tal-vettura tal-akkużat jidhru li għandhom miksurin lejn in-naħa tal-lemin, konferma li fis-sekondi ta' qabel l-impatt il-vettura tal-akkużat kienet possibilment għadha miexja 'l quddiem sejra fid-direzzjoni tal-vetturi ipparkjati.

Il-Qorti hi tal-fehma li l-kawża prossima tal-inċident kienet l-istess parte civile. Hija jidher li tilfet il-kontroll tal-mutur tagħha ftit qabel ma seħħ l-impatt bil-konsegwenza li imbagħad ħabtet għall-ġewwa l-vettura tal-akkużat. Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni abbażi tas-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(1) mumenti biss qabel ma seħħ l-inċident, jidher li l-parte civile kienet għaddejja issuq b'ċertu ħeffa u qed tagħmel ix-xogħol b'ċertu għaġġla. Ix-xhud Saviour Cassar li ra lill-pustiera mumenti biss qabel ma' seħħ l-inċident jistqarr kif kien innutaha wara li

qasmet xi ittri, titla' fuq il-mutur u issuq l-istess mingħajr ma ittella' l-istand tal-mutur. Cassar jgħid li huwa ipprova jiġbdilha l-attenzjoni li kellha l-istand imniżżla iżda ma jafx jekk semgħetux jew le. Wara li saqet xi ftit metri hija imbagħad tellgħet l-istand tal-mutur. Dan huwa indikattiv ta' ċerta nuqqas ta' attenzjoni u prudenza fis-sewqan;

(2) waqt li kienet qiegħda issuq, il-parte civile kienet qed iżżomm f'idejha xi ittri. Dan huwa konfermat mill-fatt li wara li seħħ l-inċident instabu xi ittri fl-art. Għandu jiġi eskluż li dawn ħarġu mill-basket tax-xogħol li hija kienet qiegħda iġġorr. Dan għaliex kif xehed il-Pulizija PC 696 Marvic Vella, il-basket tal-ittri ma kienx miftuħ iżda kien magħluq.[10] Il-Pulizija jgħid li kieku kien miftuħ kienu joħorġu ħafna aktar ittri. Dan jindika għalhekk li l-possibilment l-parte civile ma kellhiex kontroll pien tal-mutur li hija kienet qiegħda issuq għax fl-istess ħin kellha xi ittri f'idejha;

(3) mal-art ferm qabel il-mutur tal-parte civile spiċċa fejn il-vettura tal-akkużat jidhru *scratch marks* friski.[11] Dawn jissuġġerixxu li l-mutur inqaleb mhux għax ħabat mal-vettura iżda inqaleb ferm qabel u tkaxkar għall-ġewwa l-vettura tal-akkużat. Dan isib konferma wkoll mill-fatt li l-vettura tal-akkużat ma soffriet l-ebda danni. Infatti r-ritratti esebiti jikkonfermaw kif prattikament

[10] Fol. 82 tal-proċess.
[11] Ara ritratti a fol. 45 (Dokument MM 2), a fol. 69 (Dokument MM 7) u a fol. 70 (Dokument MM 8).

m'hemm l-ebda danni viżibbli fuq il-bumper ta' wara tal-vettura tal-akkużat. Li kieku l-parte civile ma tilfitx il-kontroll tal-mutur qabel – tenut kont wkoll li hija kienet ġejja b'ċertu veloċita kif anke stqarr Michael Refalo – żgur li l-impatt tal-mutur tagħha mal-vettura tal-akkużat kienet iħalli ħsarat ħafna aktar viżibbli. Dan pero ma kienx il-każ.

Tenut kont dan kollu, din il-Qorti ma tistax tasal għall-konllużjoni li l-inċident għandu jiġi attribwit għal xi traskuraġni, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku jew inkella għal xi nuqqas ieħor da parti tal-akkużat. Għalhekk l-ewwel akkuża ma tirriżultax. In vista ta' dan il-Qorti m'għandhiex għalfejn tinoltra ruħha u tinvestiga jekk il-feriti sofferti mill-parte civile jammontawx għall-feriti gravi u jekk ġabux l-konsegwenzi imsemmija fl-artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) qiegħda tiddikjara l-proċediment estint fir-rigward tat-tieni akkuża stante li l-parte offiża u cioe sid il-mutur Joseph Attard irrinunzja għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-akkużat;

(b) **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati</u>** tal-ewwel (1) akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**

**Joseph Grech**

**Deputat Registratur**